**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)Ph.D**

**Appell Nru: 231 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Peter Paul Muscat**

**<u>Illum 23 ta' Novembru 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Peter Paul Muscat detenur tal-karta tal-identita' Maltija **614433M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-Ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil Sandra Camilleri u Monica Ann Deguara ihelassu dejn jew jesegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lill- istess fil-pussess ta' hwejjighom je hatt bini, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjighom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Gunju, 2023, fejn ddikjarat lill-imputat Peter Paul Muscat hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Ordnat, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta spjegat lill-ħati fi kliem car, kemm ir-responsabbilita' tiegħu u x'jiġri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sitt (6) xhur.

Ordnat lil Peter Paul Muscat sabiex, ai termini tal- artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali, fi żmien ġimgħa minn dakinhar jagħti cavetta tal-bieb installat fil-basement tal-blokka bl-isem '*San Jose, Triq Plajjet Bognor, San Pawl il-Baħar*' lil Alexandra Camilleri u lil Monica Ann Deguara taħt penali ta' ħames ewro (€5) kuljum għal kull ġurnata ta' ritard.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Peter Paul Muscat, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-20 ta' Gunju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant Peter Paul Muscat li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**A. Dwar l-Apprezzament tal-Provi Fir-rigward tar-reat ta' Raggion Fattasi**

**A.1 Generali**

Illi permezz ta' dan l-umli appell, l-esponenti qieghed jikkontendi illi fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti mill-Ewwel Onorabbli Qorti, ma jirrizultawx l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' raggion fattasi skond l-Artikolu 85 tal-Kap. 9.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, "**Il-Pulizija vs Denise Caruana**"[1] tistipula li:

> "*Din il-Qorti tibda biex tgħid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta, mobbli jew immobbli. L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u għalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni - bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii - huwa li tipprotegi l-istatus quo.*"

Gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna illli l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *raggion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma erbgha (4) u cioe':

1. Att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;

2. Il-Kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt;

3. Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di braccio privato" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u

4. L-att ma jinkwadra ruhu f'reat iktar gravi.

Illi biex jissustitwixxi dan ir-reat, iridu jigu ppruvati l-erba' elementi, stante li tali elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

**A.2 Dwar l-element tat-tgawdija mill-parti leza**

Kif gia gie indikat iktar 'il fuq, sabiex l-esponenti setgha jinstab hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, kien jinkombi illi jigu ppruvati l-elementi kollha illi jsawwru r-reat taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Wiehed mill-elementi indispensabbli huwa indubbjament "*l-att materjali u estern li jispolja lill-kwerelanti minn xi haga li jkun qed igawdi.*" Konsegwentament kien jinkombi fuq il-Proskeuzzjoni illi tipprova sal-grad tac-certezza illi effettivament dan l-ispazju fil-basement kien jintuza mill-kwerelanti u konsegwentament bit-tpoggija ta' din il-partition tal-aluminju, l-kwerelanti gew spoljati minn xi haga li kienu qegħdin igawdu.

Fid-dawl tas-su espost, l-esponenti jaghmel referenza ampja għad-deposizzjoni ta' Caroline Vassallo, wild ohra tal-appellant illi ghandha sehem ukoll minn tali blokk tal- appartamenti. Ghall-kuntrarju tal-kwerelanti, ix-xhud kkonfermat bil-gurament taghha illi dak l-ispazju kien minn dejjem tal-appellant u hadd aktar, inkluz il-kwerelanti, ma kienux jaghmlu uzu minn tali spazju.

Ghall-kuntrarju ta' dak illi xehdet il-kwerelanta Sandra Camilleri, ix-xhud Caroline Vassallo ikkonfermat illi l-kwerelanta qatt ma kellha xi posseddimenti taghha illi kienu jinsabu f'dan l-ispazju, mhux talli x-xhud tgiddeb lill-kwerelanta, tali *ad dirittura*

ssostni illi l-kwerelanta kienet izzomm il-bramel taghha go kamra ohra fejn hemm il-meters tad-dawl u l-ilma.

L-esponenti jissottometti illi l-kwerelanti qatt ma ezercitaw xi forma ta' tgawdija jew pussess fuq l-ispazju mertu tal-imputazzjoni odjerna u konsegwentament l-allegat agir tal-esponenti ma setgha qatt ixekkel lill-parti leza.

In vista tas-su espost, l-esponenti jistaqsi:

Kif qatt jista' jkun li l-agir tal-appellant kien qieghed ixekkel lill-kwerelanti milli jgawdu dan l-ispazju jekk effettivament huma qatt ma gawdewh?

Mhux talli ma jirrizultax illi l-kwerelanti kienu qegħdin igawdu minn dan l-ispazju, talli għad-dirittura jirrizulta ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi t-tgawdija u l-pussess ta' dan l-ispazju kien f'idejn l-appellant.

Il-mankanza ta' dan l-element kostituttiv tfisser illi l-motivazzjonijiet li wasslet lill-Ewwel Qorti sabiex taghti ragun lill-kwerelanti kienet ibbazata fuq konsiderazzjonijiet zbaljati billi ma hemm l-ebda prova illi l-agir tal-appellant naqqas b'xi mod jew iehor mit-tgawdija ta' dan l-ispazju min-naha tal-parti leza stante li l-istess parti leza qatt ma kellha t-tgawdija tal-istess.

Referenza qieghda ssir ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Brian Attard</u>**'2 fejn gie mghallem illi:

*"Wiehed mill-elementi essenzjali tar-reat ta' ragion fattasi hu li l-persuna allegatament spoljata jkollha l-pussess tal-oġġett in kwistjoni. Di fatti d- definizzjoni tar-reat de quo tirrikjedi li l-hati jkun "fixkel lil xi ħadd fil- pussess ta' ħwejġu"."*

L-esponenti jistaqsi, jekk il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-kwerelanti kellhom il-pussess ta' dan l-ispazju, kif qatt seta' huwa jinstab hati? Kif jista' jkun illi l-appellant fixkel lill-kwerelanti fit-tgawdija ta' dan l-ispazju, jekk jirrizulta ppruvat illi dan l-ispazju qatt ma kienu jgawduh?

Il-gurista **Carrara** li invarjabilment jigi citat bhala l-pedament awtorevoli tal-erba' elementi tar-reat ta' ragion fattasi diversi drabi riaffermati fil-gurisprudenza taghna wkoll jesponi dan l-ewwel element bhala "*un atto esterno che spogli altri di un bene che gode...*"

Il-**Carrara** imbghad jispjega dan l-element billi jgħid li

> "*Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perche la legge protegge lo statu quo, il quale non puo variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorita giudiciale*."

Dan kollu gie riaffermat fis-sentenzi citati mill-ewwel Onorabbli Qorti stess. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Bongailas'** deciza nhar it-22 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[3] gie deciz:

"Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull **att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga**

**li qed igawdi**. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l- pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. **Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga**" (enfasi tal- appellant) In oltre f'sentenza ohra tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati Malta fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Eugenio Philip Vassallo'** deciza nhar 1-10 ta' Jannar, 2010 gie identikament mghallem illi:

> "*Sabiex jigi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux bizzejjed li persuna tigi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd, ikun xi jkun dak il-pussess, izda jrid jigi ppruvat li jkun hemm dak il-pussess jew forma tieghu.*"

Tenut kont tas-su espost kollu, fid-dawl tal-provi prodotti, senjatament fid-dawl tal-fatt illi jirrizulta ampjament ppruvat illi l-pussess u t-tgawdija ta' dan l-ispazju qatt ma kien f'idejn il-kwerelanti izda ghall-kuntrarju kien f'idejn l-appellant stess, l-esponenti jemmen bis-shih illi wiehed mill-elementi ta' dan ir-reat ma jista' qatt jigi ppruvat u konsegwentament ma setgha qatt jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-Avukat Geneali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Settembru, 2023 fejn *in sintesi* stqarret li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova li l-appellant spolja lill-kwerelanti mit-tgawdija ta' porzjon art li tinsab fil-basement tal-blokka flats bl-indirizz '*San Jose Apartments, Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar*' u dan meta pogga bieb tal-aluminium nhar it-3 ta' Marzu 2021. Stqarret li qabel ma gie nstallat dan il-bieb kien hemm biss purtiera ta' kulur car li taghti ghal din id-dahla fejn jidher car li l-kondomini kienu ipoggu xi affarijiet minn taghhom f'din is-sezzjoni tal-basement. Qalet li meta l-appellant pogga dan il-bieb huwa illimita l-access ghal parte civile li qabel kellhom l-pusess ta' dik il-parti. L-appellant qatt ma ta kopja tac-cavetta ta' dan il-bieb lil konomini Sandra Camilleri u Monica Anne Deguara u cioe' il-parte civile

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2023.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma ghamlitx appezzament tajjeb tal-provi prodotti u ghalhekk waslet ghal gudizzju erronju. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal: -

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk ilverdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju IrRepubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*"Kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghallkonkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni."*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u sa fejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

3 Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,

Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kinitx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991. 4 Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence. 1

L-**Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża: -

> *"id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ…"*

Imbagħad l-**Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali** jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4]

Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. 12. In oltre kif gie

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[5]:

> *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk jehtieg li din il-Qorti tra x'inhuma dawk il-provi li gew imresqa quddiem l-ewwel Qorti li ghenu lil dik il-qorti tasal ghal gudizzju taghha.

**PS 949 M Calleja** xehed permezz ta' affidavit li jinsab inserit fl-atti a fol. 2 fejn jinghad li l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra kienet irceviet kwerela datata 22 ta' April 2021 minghnad Dr Patrick Valentino ghan-nom ta' Sandra Camilleri u Monica anne Deguara fejn din kienet tghid li Peter Paul Muscat u Anton Mario Muscat installaw bieb tal-aluminium fil-kumpless ta' garaxxijiet tal-blokka tal-flats San Jose, Plajjet Bognor San Pawl il-Bahar. Din il-kwrela tkompli tghid li Anton Mario u Peter Paul

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

istallaw il-bieb tal-aluminium fuq il-post fen kien parkegg tal-kwerelanti liema parkegg kien ilu jigi uzat mis-sena 2013.

Kemm Anton Mario u Peter Paul kienu gew infurmati b'ittra bonarja mill-istess Avukat sabiex il-bieb tal-aluminium li gie installat jitnehha izda kemm Peter PAul Muscat u Anton Mario Mucat ma tawx kaz u l-imsemmi bieb tal-aluminium baqa' hemmhekk.

Ghalhekk huwa ghamel kuntatt ma' Peter Paul Muscat fejn gie infurmat li kien sar rapport fil-konfront tieghu u ta' ibnu Anton u minn naha tieghu stqarr li huma jistghu jirrapportaw gewwa l-ghassa l-Erbgha 26 ta' Mejju 2021.

Ghal habta tal-11.50 il-persuni relatati rrikorrew l-ghassa tal-Qawra fejn huma gew mghotija id-dritt li jkelmu avukat liema Anton irrifjuta u ffirma dikjarazzjoni filwaqt li Peter xtaq ikellem avukat. Ghalhekk huwa ghamel kuntatt ma' Dr Alfred Abela izda dan irrizulta fin-negattiv. Meta staqsa lil Anton rigward dan ir-rapport dan stqarr li hu ma nstalla l-ebda bieb tal-aluminium izda hu ghen lil min qabbad missieru biex idahhal il-bieb tal-aluminium. Meta staqsa lil Peter Paul rigward dan ir-rapport dan stqarr li l-parking bays mhumiex tal-kwerelanti. Zied jghid li ghaxar snin ilu hu kien ta zewg appartamenti lil Sandra u zewg appartamenti lil Monica u taghom anke *parking bay* fejn jipparkjaw izda fejn gie installat il-bieb tal-aluminium dan il-*parking bay* kien zammu ghalih. Hu zied jghid ukoll li pogga l-bieb minhabba li qabel kien hemm purtiera li thamget u ghamel hekk biex b'hekk ikun jidher aktar pulit.

**Sandra Camilleri** xehdet nhar is-7 ta' Marzu 2023 u spejgat li hija tghix fil-blokka ta appartamenti imsejha San Jose 24, Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar. Tghid li hemm sitt appartamenti u *car spaces* in komuni. Tghid li kien hemm ukoll bicca dahla li kienu juzaw biex ipoggu xi affarijiet bhal barmil. Din id-dahla ma hiex *car space* izda dahla biss. Qalet li kienu jghamlu uzu minn din il-bicca sa mill-bidu nett minn meta inbniet il-blokka u marru jghixu hemmhekk. Kienet thalli xi pala jew barmil u kienet tmur tiknes meta kien ikun hemm il-bzonn. Izda f'daqqa wahda din il-bicca propjeta' inghalqet ghaliex l-akkuzat pogga bieb tal-aluminium u b'hekk m'ghadx ghandhom

access ghalieha Nhar it-2 ta′ Frar 2021 rat lil Johnny li kien jghamel xoghol tal-aluminium lil missierha u marret tara x′kienu qed jghamlu isfel fil-garageg u rathom qeghdin ikejlu l-fetha fejn kien hemm purtiera u ghalhekk infurmat lil administrator dwar dan l-agir u l-administrator baghttlu ittra fid-9 ta′ Frar 2021 izda dan ma tax kasha. Kopja ta′ din l-ittra giet esebita u mmarkata bhala Dok SC1. Tghid li nhar it-3 ta′ Marzu 2021 twahhal il-bieb u dan kien jissakkar bic-cavetta. B′hekk qisu ghamel partition ghalih. Imbaghad baghtu ittra ohra datata 2 ta′ Marzu 2023 li giet mmarkata bhala dok SC2 u ukoll ma tax kasha u ghalhekk kellhom jghamlu l-kwerela. Qalet li l-bieb jinfetah ghaliex ghandu pum pero huwa imsakkar u ghalhekk m′ghandhiex access ghal gewwa. Din il-porzjon ta′ art giet inaccessibli ghaliha. Cavetta tal-bieb m′ghandhiex.

In kontro esami jghid li ghal bidu ma kienx hemm purtiera jew ahjar speci ta′ lizar izda maz-zmien dan kien hemm izda xorta kellha access tant li kienet thalli l-ixkupa u l-pala hemm. Mistoqsija jekk setghax kien il-kaz li kienet tpoggi l-ixkupa u l-barmil band′ohra fil-garage tghid li le. Tikkonferma li l-common parts huma ta′ missierha izda huma ghandhom right of use. Din il-parti tal-garage hija dahla fejn hemm ukoll il-katusi. In kontro esami id-difiza esebiet ritratt li gie mmarkat bhala dok PM1[6] li jindika l-purtiera li kien hemm qabel ma twahhal il-bieb.

**<u>Monica Anne Deguara</u>** xehdet nhar is-7 ta′ Marzu 2023 u spejgat li hija ukoll tghix f′din il-blokka imsejha San Joseu kkonfermat li fil-garage kien hemm speci ta′ dahla u l-imputat ghamel bieb tal-aluminium biex nehhilha l-access ghal dan il-parti tal-garage. Qalet li ilha tghamel uzu minn din il-parti tal-garage sa minn meta inbniet il-blokka billi kient tpoggi xi affarijiet taghha. Tikkonferma li kienet ohtha li qaltilha li kien mar xi hadd ikejjel ma′ missierha fi Frar. Izda f′Marzu rat li kien gie impoggi bieb u ghalhekk ma ghadx tista tidhol u taccessa din id-dahla fil-garage. Dan il-bieb huwa msakkar u access m′ghandhiex.

[6] Fol. 32 tal-atti

In kontro esami tghid li kienet thalli bhal xkupa u barmil f'dik il-parti tal-garage. Lill-pulizija ma qaditx tghidilhom li kienet tpoggi xkupa u barmil izda li kienet tghamel uzu minn din id-dahla u ma setghetx tghamel aktar uzu minnha.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fl. 39 redatta minn PS 949 Mattew Calleja.

**John Muscat** xehed nhar is-7 ta' Marzu 2023 u spjega li kien jaghmel xoghol tal-aluminium. Jghid li kien ghamel xi xoghol tal-aluminium f'garaxx San Pawl il-Bahar u rikjesta ta' Peter Paul Muscat l-imputat odjern li gharaf prezenti fl-awla. Qal li ghamel bieb qisu ta' garage zghir. Qal li l-bieb li ghamel kien jinfetah fi tnejn. Qal li kien hemm hafna affarijiet u ma jafx jekk jinfidx ma x'imkien iehor. Qal li kien hemm zgur xi bicca ghamara izda ma joqghodx jissindika.

**Caroline Vassallo xehdet** nhar is-7 ta' Marzu 2023 u spejgat li l-imputat huwa missierha. Qalet li hadd ma kien jaghmel uzu minn dik id-dahla. Id-dahla kient tad-daddy u dan minn dejjem u hadd ma kien ipoggi xi haga hemm. Qalet li l-barmil u xkupa jitpoggew f'kamra li hemm fuq fejn hemm l-arloggi. Tghid li f'din l-parti tal-garage ma kellha xejn. Mistoqsija jekk tkellimx lil hutha Amanda u Monica twiegeb li qatt ma ghamlitilhom xi haga izda huma ma jkelmuhiex. Mistoqsija jekk qabel ma sar dan il-bieb setghetx tidhol tghid li ma kelliex interess tidhol fiha la mhux taghha izda ta' missierha.

L-imputat kif kellu kull dritt ma jixhidx f'dawn il-proceduri. U lanqas ma ressaq xi xhieda ghad-difiza tieghu kif del esto kull dritt jaghmel u ghalhekk il-Qorti riedet toqghod biss fuq il-provi imrresqa mill-prosekuzzjoni u cioe' fuq l-esami u l-kontro esami taghhom.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti u cioe' minn dak li xehedu Sandra u Monica huma kellhom access ghal dik il-porzjon art li tinsab fil-garage fejn kien hemm purtiera imdendla ghal diversi snin ghaliex kienu ipoggu l-affarijiet taghhom tal-hasil. Irrizulta

li pero f'Marzu 2021 l-imputa ghazel li ipoggi bieb tal-aluminium flok din il-purtiera murija fir-ritratt esebit u b'hekk nehha l-access li kellhom il-kwerelanti. Jirrizulta u dan ma giex kontestat li l-bieb illum ghandu cavetta u l-kwerelanti m'ghandhomx kopja ta' din ic-cavetta u ghalhekk access ghal din id-dahla m'ghadx ghandhom.

L-offiża tar-ragion fattasi dderivat fil-liġi tagħna mill-**Artikolu 168** tal-Kodiċi Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiża ġiet klassifikata mill-leġislatur tagħna bħala waħda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet oħra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tiegħu fuq il-Liġi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offiżi kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja bħala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-ġurista Francesco Carrara citat mid-difiza stess fir-rikor tal-appell taghha fil-ktieb tiegħu[7] jiddefinixxi l-offiża tar-ragion fattasi bħala s-segwenti:

> *'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawża **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[8] din l-offiża ġiet deskritta bis-segwenti mod:

[7] Volum V fil-Parti Speċjali
[8] Appell Kriminali numru: 232/2002 deċiż nhar it-30 ta' Lulju 2004.

*'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.*

Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfazi mizjuda)

Minn hawn joħroġ biċ-ċar li l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali fl-eżami tal-imputazzjoni taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huma mgħobbija bl-eżami jekk il-privat u f'dan il-każ l-appellant użax l-awtorita' tiegħu nnifsu flok ma rrikorra għand l-Awtoritajiet kompetenti.

Il-ġurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu fuq kwotat jelenka l-erba' (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab ħati għar-reat. Dawn l-elementi li gew indiakti fir-rikors tal-appell tad-difiza huma s-segwenti:

*1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*

*2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*

*3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi perautorita' di magistrati;*

*4. Mancanza di titolo piu grave.*

Dawn l-erba' elementi ġew adottati fil-Qrati tagħna fosthom fil-**kawżi Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et**[9], **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[10] u **Il-Pulizija -vs Professur Henry Frendo**[11]12 li huma s-segwenti:

> *'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruħu r-reat ta' ragion fattasi huma:-*
>
> *(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*
>
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*
>
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*
>
> *(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

**Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħaddieħor.**

Fil-każ odjern irriżulta li l-appellant għamel xogħolijiet ta' fil-garage sovrapost għar-residenza tal-kwerelanti f'entratura li hemm fil-garage li huwa mizmuma in komuni bejnu u bejnil-kwerelanti u terzi persuni. Ma hux kontstat li qabel ma tpogga dan il-bieb kien hemm purtiera li tindika li l-access ma kienx ristretto u kif spjegaw il-parte civile huma kellhom access liberu ghal din l-parti tal-garage. B'dan li għamel l-appellanti żgur li ppriva lill-kwerelanti milli jkollu aċċess liberu. Għalhekk l-att estern tal-offiża huwa pruvat.

**Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżercizzju ta' dritt**

Illi hawnhekk irid jiġi determinat x'intenzjoni kellu l-appellanti meta wettaq ir-reat u ċioe' l-intenzjoni li jieħu l-liġi b'idejh u dan biex jeżerċita dritt li jaħseb li għandu.

---

[9] Deċiża nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell
[10] Deċiża nhar l-14 ta' Diċembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[11] Deċiża nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell

Hekk ingħad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija -vs- Eileen Said</u>**[12]:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*
>
> *Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha."*

Fil-każ in deżamina jirriżulta li l-appellant ma kellux dritt li jostakola d-dħul lill-kwerelanti u dan għaliex minkejja li kellu l-pussess tal-fond flimkien maghhom, il-kwerelanti wkoll kellhom aċċess liberu għalih. Din il-Qorti ma setgħetx ma tinnutax lil-prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda xhud sabiex icahhad dak li qalu l-parte civile u dan ghaliex ix-xhud Caroline Muscat qalet li ma kinitx taghmel uzu minn dik il-porzjon u li kien hemm post iehor fejn kienu jitpoggew l-oggetti tal-hasil. Qatt ma cahdet pero li hutha l-kwerelanti fil-fatt kienu jghamlu uzu minn din id-dahla. Anke John Muscat stess jghid li kien hemm affarijiet f'din id-dahla inkluz ghamara u mistoqsi ta min kienu dawn l-affarijiet jghid li ma jafx. L-appellant ordna li jitwahhel il-bieb minkejja li kien gie avzat b'ittra legali li ma kellu dritt li jghamel dan u dan ghaliex l-parte ċivile kellhom wkoll aċċess. Għalhekk dan l-element jirriżulta wkoll ippruvat.

**<u>Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita` pubblika.</u>**

M'hemmx dubju li l-appellant kien jaf li l-kwerelanti kellhom kull dritt li jidħlu f'din l-entratura in kwistjoni u dan ghaliex ghal zmien twil kien hemm biss purtiera li tindika access liberu. Illi l-Artikolu 85 huwa intiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi

[12] Deċiż minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar id-19 ta' Ġunju, 2002.

b'idejh, u għalhekk l-iskop wara din id-dispożizzjoni – bħad-dispożizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-*actio spolii* – huwa li tipproteġi l-*istatus quo.*

Issa immaterjalment mill-jeddijiet ta' natura ċivili li jgawdu l-appellanti fuq din il-proprjeta', jirriżulta inkonfutabbilment illi l-kwerelanti għandhom aċċess liberu għal din l-entratura tant illi qabel ma sar dan l-bieb kienu jidhlu liberalment. Dan ifisser illi l-appellanti unilateralment biddel dan l-*istatus quo* [13]tal-kwerelanti ħesrem u b'mod illeġittimu.

**<u>In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi</u>**

Illi minn eżami tax-xhieda mogħtija u tal-elementi preċedenti jirriżulta b'mod inekwivoku li l-offiża ma hi xejn għajr għal dik ta' ragion fattasi.

Għalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-ġudizzju tagħha meta sabet lill-appellanti ħati tal-akkuża kif addebitata fil-konfront tiegħu.

Ovvjament huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tlett elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Denise Caruana</u>**[14] qalet hekk:

> *'...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta' l-oggett li kien fil-pussess tagħha qabel dak l-att spoljattiv......*

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura fir-rikors tal-appell, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:

[13] Ara Il-Pulizija vs Jane Scicluna deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010
[14] Deciza fit-30 ta' Novembru, 2016 per Onor Imhallef E. Grima

*"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.*

*L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."*[15]*….*

*Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali Il-Pulizija vs George Zahra, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tiegħu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.*[16]*"*

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-appell intavolat u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti in toto anke fir-rigward tal-ordnijiet li hija tat fir-rigward l-artikolu 373 tal-Kap 9 sabiex fi zmien gimgha mill-illum jaghti cavetta tal-bieb installat fil-basement tal-blokk bl-isem 'San Jose Triq Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar' lil Alexandra Camilleri u lil Monica Anne Deguara taht penali ta' hames (5) euro kuljum ghal kull gurnata ta' ritard.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

---

[15] ra Il-Pulizija vs Jane Scicluna deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.

[16] Ara l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Mario Bezzina deċiż nhar is-26 ta' Mejju, 2004.